SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-GVERN LOKALI U KOMUNITAJIET

MALTA

PARLIAMENTARY SECRETARIAT FOR
LOCAL GOVERNMENT AND COMMUNITIES

*Dipartiment għall-Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport)*

*Department for Local Government (Monitoring & Support)*

Ref. Tagħna DLG/16/2016

# ĊIRKULARI NUMRU 2/2019

---

| | |
|---|---|
| Lill- | Presidenti, Viċi Presidenti,<br>Membri u Segretarji Eżekuttivi<br>Kumitati Reġjonali |
| | Lis-Sindki, Viċi Sindki,<br>Kunsillieri u Segretarji Eżekuttivi<br>Kunsilli Lokali |
| | Liċ-*Chairpersons* u Membri<br>Kumitati Amministrattivi |
| | Lill-*Accountants* tal-Kumitati Reġjonali<br>u tal-Kunsilli Lokali |
| Mingħand: | Id-Direttur responsabbli għall-Kunsilli Lokali |
| **Suġġett:** | **Għeluq tas-Sena Finanzjarja 2018** |
| Data: | 19 ta' Jannar 2019 |

---

## 1. Għan

1.1 Din iċ-Ċirkulari hi bi preparazzjoni għall-proċess ta' verifika tal-kontijiet *(accounts)* tal-Kumitati Reġjonali u l-Kunsilli Lokali għas-sena finanzjarja li għadha kif intemmet.

1.2 Dan id-Dipartiment, bħal dejjem, qed jagħti struzzjonijiet ċari sabiex jiġu rispettati d-*deadlines,* ħalli l-proċess jimxi mingħajr dewmien. Madankollu, xorta waħda qed ikun hemm okkażjonijiet fejn l-istqarrijiet finanzjarji ma jkunux magħmula kif suppost u/jew jaslu tard għand l-Awditur Ġenerali biex jibda l-verifika meħtieġa.

## 2. Azzjoni Meħtieġa

2.1 Il-Kumitati Reġjonali u l-Kunsilli Lokali **għandhom jaraw illi l-persuni li huma fdati biex jippreparaw il-kotba tagħhom kif ukoll jippreparaw l-istqarrijiet finanzjarji, minbarra li jkollhom il-*warrant* ta' *Certified Public Accountant,* ikunu wkoll aġġornati mal-*Accounting Standards* kif ukoll mar-Regolamenti, Direttivi u Ċirkularijiet relatati ma' dan il-proċess fil-qasam tal-Gvern Lokali. Bħas-sena l-oħra, kull sejħa li tinħareġ għal servizzi relatati ma' servizzi ta' *accounting* għandha tkun skont it-*templates* tat-*terms of reference* kif maħruġa mid-Dipartiment fid-19 ta' Jannar 2018.**

2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb li jipprepara dawn id-dokumenti u jieħu l-azzjoni neċessarja sabiex jassigura li l-proċess tal-verifika jkun wieħed effiċjenti:

(a) L-istqarrijiet finanzjarji jridu jiġu ppreparati skont l-*International Financial Reporting Standards (IFRSs)* u għandhom jinkludu l-isem ta' min ikun ippreparahom billi titniżżel nota *"prepared by ......."* fuq il-faċċata ta' quddiem tad-dokument (fuq in-naħa ta' isfel fuq il-lemin);

(b) Kull Segretarju Eżekuttiv għandu jara illi, hekk kif kien deskritt permezz ta' Direttiva 1/2017, il-*Grants* li l-Kunsilli Lokali u l-Kumitati Reġjonali jieħdu mingħand il-Gvern jiġu ttrattati bil-*Capital Approach*;

(ċ) Kull dħul li l-Kumitat Reġjonali jew Kunsill Lokali fadallu jieħu għall-kontravenzjonijiet li nħarġu f'ismu, għandu jiġi inkluż fil-kotba finanzjarji u tittieħed *full provision for bad debts* għal dawk l-ammonti li huma pendenti għal iktar minn sentejn;

(d) L-ammont ta' fondi li tħallsu għan-nom tal-Kunsilli Lokali, mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali lil *WasteServ Malta Ltd* biex jinqatgħu l-pendenzi tat-*tipping fees*, għandhom jiġu irrekordjati taħt *Other Supplementary Government Income* fl-*accounts* tas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2018. B'hekk dan l-ammont imbagħad jiġi *offset* mal-bilanċ tal-kredituri. Jekk għad hemm xi Kunsilli Lokali li għadhom ma rrekordjawx l-ammonti kollha dovuti lil *WasteServ* għandu jkun aċċertat li l-ammont tat-tali *invoices* irid ikun irrekordjat kollu kemm hu (din id-direzzjoni kienet ingħatat permezz ta' *email* datata 20 ta' Diċembru 2013);

(e) L-assi tal-Kunsilli Lokali għandhom jiġu ttrattati skont l-emendi li saru għar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Finanzi) (L.S. 363.01); u

(f) L-allokazzjoni finanzjarja għandha tiġi rrekordjata kollha u, jekk ikun hemm xi penali jew *charges*, għandhom jidhru separati.

2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jara li l-istqarrijiet finanzjarji jiġu ppreparati skont l-*IFRSs* u għandhom jikkonsistu f'dawn id-dokumenti:

(a) *Statement of Comprehensive Income;*
(b) *Statement of Financial Position;*
(ċ) *Statement of Changes in Equity;*
(d) *Cash Flow Statement;*
(e) *Notes to the Financial Statements;* u
(f) *Local Council Members' and Executive Secretary's responsibilities.*

2.4 Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jipprepara wkoll l-informazzjoni li ġejja biex tintuża mill-Udituri biex tibda l-verifika:

- L-*Invoices* kollha sal-31 ta' Diċembru 2018 għandhom ikunu mdaħħlin u kull pagament għandu jkollu rċevuta fiskali mehmuża;
- *Suppliers' Statements* li juru l-bilanċi dovuti mill-Kunsill Lokali fl-aħħar tas-sena. Dawn għandhom jiġu mqabbla mal-bilanċi fil-kontijiet rispettivi. Spjegazzjoni għandha tiġi pprovduta lill-udituri fejn ikun hemm xi varjazzjoni;
- *Bank Statements* ta' kull kont bankarju f'isem il-Kumitat Reġjonali/Kunsill Lokali, imqabbla man-*Nominal Ledger* sal-31 ta' Diċembru 2018;
- *Depreciation Charge* sal-31 ta' Diċembru 2018;

- *Fixed Asset Register* imqabbel man-*Nominal Ledger* sal-31 ta' Diċembru 2018;
- *Accruals* u *Prepayments* sal-31 ta' Diċembru 2018, imdaħħlin fin-*Nominal Ledger;*
- *Stock* fil-31 ta' Diċembru 2018, imdaħħal fin-*Nominal Ledger*;
- *Trial Balance* fil-31 ta' Diċembru 2018;
- Dettalji dwar l-ammonti miġbura mill-*Local Enforcement System* kif ukoll id-debituri marbuta ma' din is-sistema sal-31 ta' Diċembru 2018;
- Dettalji ta' xi *commitments* kif ukoll ta' *contingencies* li jkunu jeżistu relatati ma' Nfiq Kapitali;
- Lista ta' *Grants* (bħal per eżempju, *Urban Improvement Fund*, Fondi mill-Unjoni Ewropea u Fondi Speċjali fuq Skemi) li l-Kumitat Reġjonali/Kunsill Lokali rċieva matul is-sena finanzjarja, kif ukoll *Schedule* li turi trasferimenti għall-I*statement of Comprehensive Income*; u
- *Wages reconciliation* sal-31 ta' Diċembru 2018.

2.5 Minħabba li jista' jagħti l-każ li din il-lista mhix konkluživa, qabel il-bidu tal-proċess tal-verifika, is-Segretarju Eżekuttiv għandu jirċievi lista li tindika d-dokumenti li l-Udituri rispettivi ser ikollhom bżonn.

2.6 Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jaċċerta li l-*workings* kollha u d-dokumentazzjoni relatata dwar *depreciation, accruals, prepayments, stock valuations* u *grants* ikunu ippreparati tajjeb minn qabel ma jiġu l-Udituri u għall-kopja interna tal-istqarrijiet finanzjarji għandhom jiġu kkalkolati ukoll skont Direttiva 1/2017.

2.7 Il-kotba finanzjarji *(software* u kull dokument ieħor) tal-*accounts* jaqgħu taħt ir-responsabbiltà diretta tas-Segretarju Eżekuttiv u mhux aċċettabbli bl-ebda mod li joħorġu barra mill-uffiċċju tal-Kumitat Reġjonali jew tal-Kunsill Lokali.

2.8 L-abbozz tal-istqarrijiet finanzjarji approvati mill-Kumitat Reġjonali jew il-Kunsill Lokali u ffirmati u datati mis-Segretarju Eżekuttiv u mill-President/Sindku għandhom jaslu għand l-Awditur Ġenerali **sa mhux iktar tard mit-Tnejn, 18 ta' Frar 2019.**

2.9 Fl-istess ħin, **kopja ta' dawn id-dokumenti għandha tintbagħat minnufih lill-Udituri rispettivi biex dawn ikunu jistgħu jibdew il-proċess tal-verifika tagħhom u jtemmuha sat-Tnejn, 22 ta' April 2019**. Niġbdulkom l-attenzjoni illi l-Udituri ma jistgħux jibdew il-proċess tal-verifika qabel ma jirċievu l-abbozz tal-istqarrijiet finanzjarji approvati mill-Kumitat Reġjonali/Kunsill Lokali.

2.10 Qabel jibda l-proċess ta' verifika, l-Udituri però jistgħu jitolbu laqgħa mal-President jew mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kumitat Reġjonali jew Kunsill Lokali u/jew jaraw il-minuti tal-laqgħat meta jidhrilhom l-aħjar sabiex jippjanaw il-proċess ta' verifika.

2.11 Jekk ikun hemm xi aġġustamenti xi jsiru, l-Udituri tal-Gvern Lokali għandhom jiġbdu l-attenzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv u jirritornaw l-*abbozz* tal-istqarrijiet finanzjarji ħalli jsiru l-aġġustamenti neċessarji.

2.12 Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jiġbed l-attenzjoni tal-Kumitat Reġjonali/Kunsill Lokali bl-aġġustamenti li ġew proposti u, f'perjodu raġjonevoli ta' żmien, għandu jikseb il-kunsens tal-Kumitat Reġjonali/Kunsill Lokali f'laqgħa msejħa apposta.

2.13 Aġġustamenti materjali jew ta' natura korrettiva biss u li jkunu pproponew l-Udituri, jew ġew notifikati lill-istess Udituri, għandhom jitwettqu. L-ebda aġġustament ieħor m'għandu jsir mill-Kumitat Reġjonali/Kunsill Lokali wara li dan jissottometti l-abbozz tal-istqarrijiet finanzjarji.

2.14 F'każ li jkun hemm dewmien biex jinbeda l-proċess ta' verifika mill-Udituri jew ma jkunx hemm qbil ma' xi aġġustamenti li jirrakkomandaw l-Udituri, is-Segretarju Eżekuttiv għandu jinforma minnufih lil dan id-Dipartiment biex il-kwistjoni tiġi solvuta mill-aktar fis possibbli.

2.15 Jekk ma jkunx hemm aġġustamenti xi jsiru, l-abbozz tal-istqarrijiet finanzjarji xorta għandhom jerġgħu jiġu approvati mill-Kumitat Reġjonali/Kunsill Lokali, biex b'hekk id-data indikata fuq l-istqarrijiet finanzjarji kif approvati tkun dik tal-approvazzjoni finali.

2.16 Min-naħa l-oħra, f'każ li jkun hemm aġġustamenti, dawn għandhom jiġu mgħoddija mill-Kumitat Reġjonali/Kunsill Lokali f'seduta apposta. L-Udituri jistgħu jkunu preżenti waqt dawn il-laqgħat biex jirrispondu biss għal xi diffikultajiet li jistgħu jinqalgħu fuq l-aġġustamenti li jkunu pproponew. Id-data f'dan il-każ għandha tkun dik tal-approvazzjoni tal-Kunsill.

2.17 F'dan ir-rigward, is-Segretarju Eżekuttiv għandu jara li l-Kumitat Reġjonali/Kunsill Lokali jimxi strettament mad-dati biex jiġu approvati l-istqarrijiet finanzjarji. L-istqarrijiet finanzjarji finali, iffirmati u **datati mill-ġdid,** għandhom jintbagħtu lill-Udituri tal-Gvern Lokali **sa mhux iktar tard mit-Tlieta, 30 ta' April 2019** sabiex dawn, flimkien mar-Rapport tal-Udituri tal-Gvern Lokali, jintbagħtu lill-Awditur Ġenerali. Mhux aċċettabbli li din id-data ma tiġix rispettata.

2.18 Sussegwentement, tinħareġ l-Ittra ta' Direzzjoni *(Management Letter)* li tinkiteb mill-Udituri dwar nuqqasijiet li jkunu nstabu fl-operat tal-Kumitat Reġjonali/Kunsill Lokali li għandha tiġi diskussa f'laqgħa tal-Kumitat Reġjonali/Kunsill Lokali.

2.19 Min-naħa tagħhom, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv għandhom, wara li jkunu ġabu l-approvazzjoni tal-Kumitat Reġjonali/Kunsill Lokali, jagħtu t-tweġiba f'isem il-Kumitat Reġjonali/Kunsill Lokali, lid-Direttur responsabbli għall-Kunsilli Lokali, lill-Awditur Ġenerali u lill-Udituri tal-Gvern Lokali **sa mhux iktar tard mit-Tnejn, 10 ta' Ġunju 2019** jew sitt ġimgħat wara li jkunu rċevew l-Ittra ta' Direzzjoni mingħand l-Awditur Ġenerali.

2.20 Meta l-Kumitat Reġjonali/Kunsill Lokali jwieġeb l-Ittra ta' Direzzjoni tal-Udituri, **dan għandu jwieġeb punt punt kif imqajma f'din l-ittra u mhux iwieġeb b'mod ġenerali.** Ir-Risposta għandha tinkludi sentenza fejn tikkonferma li l-Kumitat Reġjonali/Kunsill Lokali ddiskuta u fehem il-kontenut kollu tal-Ittra ta' Direzzjoni u li ser tittieħed azzjoni kif qed jiġi spjegat fl-istess Risposta. Din ir-Risposta għandha tkun iffirmata kemm mill-President/Sindku kif ukoll mis-Segretarju Eżekuttiv rispettivament.

2.21 **Dan id-Dipartiment javża li se jieħu l-passi kollha li tippermetti l-Liġi fil-konfront ta' min jonqos li jibgħat l-istqarrijiet finanzjarji, l-Ittra ta' Direzzjoni u r-Risposta fil-ħin.**

2.22 Għaldaqstant, qed jerġa’ jiġi enfasizzat illi d-*deadlines* għandhom jinżammu skrupolożament matul il-proċess kollu tal-verifika. **Madankollu, id-Dipartiment irid jisħaq illi, biex jinżammu dawn id-*deadlines*, mhux aċċettabbli li jiġi mibgħut lill-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali l-abbozz tal-istqarrijiet finanzjarji bl-iżbalji** u se jkunu kkunsidrati passi dixxiplinari fil-konfront ta’ min jaġixxi b’mod irresponsabbli.

2.23 Għandhom jkun biss l-istqarrijiet finanzjarji flimkien mar-Rapport tal-Uditur Lokali finali **li jittellgħu fuq is-sit elettroniku (**dak ikollu fuq quddiem it-timbru tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika).

2.24 Id-Dipartiment iħeġġeġ għall-koperazzjoni ta’ kull min hu involut f’dan il-proċess u mhux se jkun aċċettat li Kumitati Reġjonali u/jew Kunsilli Lokali ma jissottomettux l-istqarrijiet tagħhom fil-ħin u ser jittieħdu l-passi dixxiplinari meħtieġa fil-konfront ta’ min iwassal biex, b’xi mod jew ieħor, ikun hemm nuqqas ta’ governanza tajba.

2.25 Qed tinġibed l-attenzjoni illi l-Awditur Ġenerali ħareġ ir-Rapport tiegħu fuq il-qasam tal-Gvern Lokali għas-sena 2017, li jinsab fuq *https://nao.gov.mt/en/recent-publications*. Hu ssuġġerit li tingħata ħarsa lejn dan id-dokument biex jiġu evitati sitwazzjonijiet li jerġa’ jkun hemm nuqqasijiet bħal dawn.

(iffirmata)

Adrian Mifsud
Direttur responsabbli għall-Kunsilli Lokali

Kopji: Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali
Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet
Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali
Kelliem Ewlieni tal-Oppożizzjoni għall-Gvern Lokali
*Chairperson*, Alternattiva Demokratika
Awditur Ġenerali
Ombudsman
Direttur Ġenerali (Gvern Lokali)
Direttur (Gvern Lokali - Strateġija u Implimentazzjoni ta’ *Policy*)
President, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali
President, Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni